MALTA

# QORTI CIVILI

## PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF

### LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2015

Citazzjoni Numru. 956/2014

**Francis Caruana (ID 768756m), Maria Assunta Mercieca (ID 879650m), Agnes Cardona (ID 2555m), Maria Doris Zammit (ID 233462m), Clinton Caruana (ID 262683m), Clare Hintner (ID 147277m), Maria Shirley Aquilina (ID 381786m) u Paul Caruana (ID 234555m)**

**vs**

**Anna Sciberras (ID 552263m)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi datat 31 ta’ Ottubru 2014 fejn bir-rispett u Francis Caruana bil-gurament tieghu ikkonferma:-

Illi l-kontendenti kollha hlief ghal Clinton Caruana, Clare Hintner, Maria Shirley Aquilina u Paul Caruana huma wlied l-istess genituri u cioe` l-mejtin Giuliano u Giovanna konjugi Caruana li mietu rispettivament fil-11 ta Mejju 2002 u fis-27 ta Frar 2011 (Dok A u Dok B);

Illi l-imsemmija Clinton Caruana, Clare Hintner u Maria Shirley Aquilina huma wlied il-mejta Josephine Caruana li tigi oht il-kontendenti l-ohra u li kienet giet nieqsa nhar l-24 ta’ Ottubru 2007 (Dok C) filwaqt li Paul Caruana huwa r-ragel ta’ l-istess Josephine Caruana;

Illi l-wirt tal-mejtin Giuliano u Giovanna Caruana jinsab regolat bl-ahhar testment taghhom *Unica Charta* maghmul fl-atti tan-Nutar Dr Maurice Gambin datat 29 ta Mejju tas-sena 1994 (Dok D);

Illi l-wirt tal-mejta Josephine Caruana jinsab regolat bl-ahhar testment taghha maghmul fl-atti tan-Nutar Dr Patrick Critien datat 4 ta Gunju 1999 (Dok E);

Illi skont il-precitat testment Dok D il-wirt tal-konjugi Giuliano u Giovanna Caruana ddevolva fuq is-sitt uliedhom fi kwoti ndaqs bejniethhom filwaqt li l-wirt ta' Josephine Caruana ddevolva skont il-precitat testment Dok E fuq it-tliet uliedha f'sehem indaqs bejniethom soggett pero` ghad-dritt ta' uzufrutt favur ir-ragel taghha, cioe` Paul Caruana;

Illi l-assi appartenenti ghal wirt tal-mejta Giovanna Caruana gia gie likwidat u diviz bejn il-kontendenti kollha ghas-saldu;

Illi jonqos pero` li jigi likwidat u diviz l-assi provenjenti mill-wirt tal-mejjet Giuliano Caruana u dana bejn l-istess hames uliedu hajjin (inkluz il-konvenuta) u kif ukoll favur it-tliet ulied tal-mejta bintu Josephine Caruana;

Illi l-assi appartenenti ghal eredita ta' Giuliano Caruana jikkonsistu f'diversi proprjetajiet immobbiljari kif jidhru fuq l-anness dokument markat dok F u kif ukoll kontijiet bankarji li jinsabu depozitati sew fil-Bank of Valletta u kif ukoll fl-HSBC;

Illi ghalkemm saru diversi tentattivi sabiex isir pjan ta' qasma b'mod bonarju l-kontendenti baqghu ma setghux jikkonkludu u dana partikolarment minhabba l-fatt li l-konvenuta qieghda tokkupa wahda mill-proprjetajiet immobbiljari b'titolu ta' kera;

U peress illi l-atturi ma jixtiequx jibqghu jzommu proprjeta` in komuni provenjenti mill-wirt ta' Giuliano Caruana;

U *in vista* tal-intransigenza tal-konvenuta u *in vista* tal-fatt li ma hemmx bizzejjed proprjeta` immobbiljari sabiex din tinqasam ugwalment bejn sitt partijiet, ghandu jirrizulta ekwu u opportun li l-pjan ta' qasma tigi esegwita bejn zewg porzjonijiet, cioe` wahda minnhom konsistenti f' sehem wiehed minn sitta tigi assenjata lill-konvenuta filwaqt li s-sehem l-iehor ta' hames partijiet minn sitt partijiet tigi assenjata lill-atturi flimkien u indivizament bejniethom.

Illi dawn il-fatti hawn fuq elenkati huma maghrufa personalment lid-dikjarant.

Illi kif gia nghad hawn fuq minhabba nuqqas ta' qbil mal-konvenuta, ir-rikorrenti gew kostretti jistitwixxu l-odjerni proceduri.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tillikwida l-assi kollha provenjenti mill-wirt tal-mejjet Giuliano Caruana;

2. Tistabbilixxi pjan ta' qasma bejn il-werrieta kollha, l-kontendenti f' dina l-kawza billi tiddividi l-istess f' zewg porzjonijiet wahda fi kwota ta' sehem wiehed minn sitta assenjabbli lill-konvenuta u l-ohra fi kwota ta' hames partijiet minn sitta assenjabbli lill-atturi kollha f' sehem indiviz bejniethom u dana okkorrendo bl-assistenza ta' periti teknici u/jew legali nominati minn din l-istess Qorti;

3. Tordna li ssir id-divizjoni bejn il-kontendenti skont il-pjan ta’ qasma fuq stabbilita;

4. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jirredigi, jiffirma u jippubblika l-att notarili opportun u relattiv *ai termini* ta’ dak li jigi talvolta deciz minn din l-istess Qorti;

5. Tinnomina Kuraturi deputati sabiex jidhru fuq l-istess kuntratt notarili ta’ divizjoni hekk ordnat mill-Qorti ghall-eventwali kontumacja ta’ xi partijiet.

6. Taghti kull ordni jew provvediment iehor li jkun jidhrilha xieraq u opportun.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuta minn issa ngunta biex tidher personalment ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-20 ta’ Jannar 2015.

Rat ir-risposta ta’ l-intimata Anna Sciberras datata 4 ta’ Dicembru 2014 (fol 20) fejn bil-gurament taghha ikkonfermat :-

1. Illi fl-ewwel lok u mingfiajr pregudizzju ghal dak li ser jinghad aktar ‘l isfel, iridu jigu prezentati r-ricerki testamentarji tad-defunti Giuliano u

Giovanna konjugi Caruana u Josephine Caruana sabiex jigi stabbilit illi t-testmenti esebiti mar-rikors promotur huma verament l-ahhar testmenti;

2. Illi *in linea* preliminari l-azzjoni hija mproponibbli *stante* illi uhud mill-atturi, ossija Clinton Caruana, Clare Hintner u Maria Shirley Aquilina qed jitolbu qasma parzjali tal-wirt tad-defunta ommhom Josephine Caruana ossija dak biss li wirtet minghand il-genituri taghha;

3. Illi ukoll *in linea* preliminari l-azzjoni hija improponibbli peress illi jirrizulta mill-premessi illi l-attur Paul Caruana wiret biss dritt ta' uzufrutt minghand id-defunta martu Josephine Caruana u ghalhekk it-talba sabiex kwota ta' hames partijiet minn sitta jigu assenjati lill-atturi kollha ma tistax tirnexxi;

4. Illi ukoll it-talba numru tnejn (2) kif postulata ossija illi *'billi tiddividi l-istess f'zewg porzjonijiet wahda fi kwota ta' sehem wiehed minn sitta assenjabbli lill-konvenuta u l-ohra fi kwota ta' hamsa minn sitta assenjabbli lill-atturi'* hija legalment insostenibbli, *stante* illi artikolu 510 tal-Kap 16 jistipula illi l-ishma ghandhom jittellghu bix-xorti. Konsegwentment tali talba jrendi impossibbli t-tlugh bix-xorti;

5. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghal dak li fuq inghad l-azzjoni ma tistax tirnexxi *stante* li qed jintalab qasma parzjali ossija qasma fi kwoti ta' wiehed minn sitta u hamsa minn sitta u l-esponenti ma taqbilx ma dan.

6. Illi wkoll fil-mertu il-qasma kif mitluba tmur kontra d-dispost ta' artikolu 504 tal-Kap 16 peress li l-assi mitluba li jigu maqsuma ma humiex komodament divizibbli f' *units* separati.

Bl-ispejjez.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti hekk presjeduta fejn fis-seduta tad-19 ta' Frar 2015 meta ssejhet il-kawza dehru Dr. Raphael Fenech Adami ghall-atturi, prezenti l-attur Francis Caruana fl-Awla; u Dr. Patrick Valentino u Dr. Chris Busietta ghall-konvenuta prezenti fl-Awla. Dr. Valentino iddikjara li hemm qbil mal-elenku tal-assi esebit a fol 27 tal-process. Dr. Valentino irtira l-ewwel eccezzjoni billi r-ricerki gew esebiti mal-affidavit tal-attur. Id-difensuri tal-partijiet qablu li ghandhom jittrattaw it-tieni (2), t-tielet (3), ir-raba' (4) u l-hames (5) eccezzjoni. Dr. Patrick Valentino u Dr. Raphael Fenech Adami trattaw it-tieni (2), t-tielet (3), ir-raba' (4) u l-hames (5) eccezzjoni, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika, u qablu li l-Qorti tista' tghaddi ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta' Mejju 2015 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

Rat l-atti u dokumenti esebiti u semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Din hija sentenza *in parte* dwar it-tieni (2), t-tielet (3), ir-raba' (4) u l-hames (5) eccezzjonijiet sollevati mill-intimat.

Il-kawza preżenti hija l-hekk imsejjħa *actio familiae erciscundae* li permezz taghha l-atturi qed jitolbu l-likwidazzjoni u diviżjoni tal-beni li kellu Giuliano Caruana billi l-assi ereditarji ta' Giovanna Caruana gja gew divizi. Giuliano u Giovanna Caruana huma l-genituri tal-kontendenti kollha ghajr ghall-atturi Clinton Caruana, Clare Hintner u Maria Shirley Aquilina, li huma ulied il-mejta Josephine Caruana, bint l-imsemmija konjugi Caruana u Paul Caruana, armel minn Josephine Caruana.

L-intimata Anna Sciberras qajmet diversi eccezzjonijiet in linea preliminari, u cioe' l-improponbbilita' tal-azzjoni odjerna billi l-atturi ulied ta' Josephine Caruana qed jitolbu qasma parzjali; kif ukoll ghaliex qed tintalab id-divizjoni fl-interess ukoll ta' Paul Caruana li huwa biss uzufruttwarju, u *stante* li tmur kontra id-dispost tal-artiklu 510 tal-Kap.16, kif jirrisulta aktar ‘il quddiem f'din is-sentenza.

**Fatti**

Il-fatti li jirrizultaw mill-atti esebiti li ghandhom rilevanza ghal din is-sentenza huma fil-qosor is-segwenti.

Giuliano u Giovanna konjugi Caruana mietu rispettivament fil-11 ta' Mejju 2002 u fis-27 ta' Frar 2011. Huma rregolaw il-wirt taghhom b'testment *unica charta* fl-atti tan-Nutar Dr. Maurice Gambin tad-29 ta' Mejju 1994 (**Dok.D).** Fir-raba' Artiklu tal-istess huma ddisponew hekk:

"*Salvi precedenti dispozizzjonijiet, it-testaturi jinnominaw u jidtitwixxu b'eredi universali u proprjetarji assoluti ta' dak kollu li huma jkunu jippossjedu fil-gurnata ta' mewthom lis-sitt (6) uliedhom komuni Mary mart Michael Mercieca, Agnes mart Alfred Cardona, Josephine mart Paul Caruana, Francis, Doris mart Stephen Zammit u Anna mart Salvatore Sciberras, f'sehemijiet indaqs bejniethom, bid-dritt tas-sostituzzjoni volgari favur ir-rispettivi wliedhom u ulied uliedhom u in mankanza ta' dawn bid-dritt ta' akkrexximent bejniethom u jezentawhom ilkoll mill-obbligi tal-kollazzjoni u imputazzjoni."*

Josephine Caruana mietet fl-24 ta' Ottubru 2007 u l-wirt taghha ddevolva fuq it-tliet uliedha bl-ahhar testment taghha *unica charta* in atti tan-Nutar Dottor Patrick Critien tal-4 ta' Gunju 1999(**Dok.E).**

Bil-Hames Artiklu t-testatrici istitwiet lit-tlett uliedha Claire, Clinton u Maria maghrufa bhala Shirley, b'eredi universali f'ishma indaqs bejniethom , bis-sostituzzjoni ta' uliedhom f'kaz ta' permorjenza u in mankanza ta' ulied bid-dritt tal-akkrexximent bejniethom.

Permezz tat-Tieni Artiklu t-testaturi konjugi Caruana hallew lil xulxin reciprokament l-uzu u l-uzufrutt tal-beni taghhom kollha.

**It-Tieni (2) Eccezzjoni.**

**Illi *in linea* preliminari l-azzjoni hija mproponibbli *stante* illi uhud mill-atturi, ossija Clinton Caruana, Clare Hintner u Maria Shirley**

**Aquilina qed jitolbu qasma parzjali tal-wirt tad-defunta ommhom Josephine Caruana ossija dak biss li wirtet minghand il-genituri taghha**;

Ikkonsidrat li l-azzjoni li qed tigi proposta bil-kawza odjerna hija l-*actio familiae erciscundae* li tigi ezercitata mill-eredi li jkunu jridu jaqsmu wirt u fiha jigu trattati l-kwistjonijiet kollha li jkunu konnessi mal-wirt. Kwistjonijiet ohra li m`humiex strettament konnessi mal-qasma tal-wirt ma jinkwadrawx ruhhom f`kawza ta` din ix-xorta.

**Art.907 tal-Kap.16**

Inghad li "*Fost il-prinċipji li jirregolaw il-qasma ta' ġid in komun, wieħed isib li (a) kull wieħed mill-komproprjetarji għandu jedd jieħu s-sehem tiegħu ta' ġid in natura*[1]*, (b) f'kull sehem għandha tiddaħħal l-istess kwantita' ta' mobbli, immobbli, jeddijiet jew krediti tal-istess xorta u tal-istess valur*[2] *u (ċ) li l-ishma hekk formati għandhom, bħala regola, jittellgħu bix-xorti jekk l-ishma li jkunu qegħdin jinqasmu jkunu ndaqs*."[3] (**Emmanuela Jeffries et. v Raymond Jeffries et.** (PA- JRM -dec. fit-28 ta' Novembru 2013).

Illi bhala principju huwa maghruf illi "*Meta tigi ezercitata L-azzjoni ghall-qasma ta' assi ereditarju ghandu jingieb ghall-qasma dak kollu li jidhol f'dak l-assi, b'mod illi m'ghandu jibqa' xejn indiviz minn dak li jidhol f'dak*

[1] Art.502 tal-Kap.16
[2] Art.504 tal-Kap.16
[3] Art. 510(1) tal-Kap 16

*l-assi. Ghalhekk, fil-likwidazzjoni preordinata ghall-qasma ghandhom jigu migjuba l-beni kollha formanti parti mill-assi; ghax divizjonijiet parzjali ma humiex permessi jekk ma jkunx hemm il-kunsens tal-kondividenti kollha li jhallu in komun xi haga li ghandha tkun espressament u partikolarment indikata. Ghaldaqstant jekk l-assi ereditarju li tieghu tintalab il-qasma jkollu sehem minn assi ohra li ghad ma gewx likwidati, dak l-assi ma jistax jigi likwidat u maqsum qabel ma ssir il-likwidazzjoni ta' dawk l-assi l-ohra biex jigi stabbilit is-sehem li minn dawk l-assi l-ohra jmiss is-sehem li tieghu tintalab il-qasma[4]".*

Hekk ukoll fil-kawza fl-**ismijiet Tereza Farrugia et vs Giuseppe Camilleri et[5]** inghad*: "Indubbjament l-eccezzjoni moghtija hija l-effett tar-regola tal-azzjoni "familae erciscundae" tad-dritt Ruman li bis-sahha taghha ma jistghux jigu spigolati beni individwali ndivizi ghall-finijiet ta' divizjoni parzjali. Hekk gie dikjarat fis-sentenza fl-ismijiet* ***'Maria mart Edgar Vassallo et –vs- Emmanuele Vella'****, Appell, Sede Inferjuri, 12 ta' Marzu 1979 fejn a propozitu fiha l-atturi kienu qed jitolbu dikjarazzjoni li l-konvenut okkupa abbuzivament bicca raba li kienet f'idejn missierhom bi qbiela minghand il-Gvern u fejn kien hemm qbil ukoll illi l-wirt tieghu kien ghadu mhux likwidat u diviz.*

*Kif jinghad fid-decizjoni a Vol XXX pII p 203 l-"actio familae erciscundae" tolqot "omne jus quod defunctus habuit" u dan bla distinzjoni jekk kienx dritt personali jew 'in rem'. Li jfisser li fil-likwidazzjoni jidhlu l-assijiet kollha kemm jekk b'titolu ta' proprjeta` jew ta' kera. Ghaldaqstant 'mhux lecitu li wiehed jispigola parti minn assi ereditarju u jitlob gudizzju fuq dawk il-beni hekk spigolati u singoli imma ghandu jitlob il-likwidazzjoni*

[4] Assunta Chircop vs Pawlu Calleja et, Appell Civili deciz fit-12 ta' Novembru 1951, Vol 35A, P1, Section 1, Pg 188

[5] Appell Civili 722/2001PS deciz fl-10 ta' Marzu 2004

*tal-assi kollha' (**Kollez Vol XXXVI pI p375 u Vol XXIX pI p1203)**. Dan sahansitra 'sal-punt li ma humiex permessi procedimenti separati, lanqas preamboli jew preparatorji, fuq sustanzi komponenti l-istess wirt' (Kollez Vol XXXVI pII p540).*

*Kif jinsab ukoll pacifikament akkolt fuq l-insenjament tal-**Laurent** ("Principii di Diritto Civile" Vol X para 291) "l-uniku mezz li kien ikun validu ghall-effettwazzjoni ta' qasma parzjali kien ikun il-kunsens unanimi tal-kollitiganti – f'liema kaz biss ir-regola li divizjoni parzjali mhix ammissibbli ccedi l-kamp di fronte ghall-volonta` unanimi ta' l-interessati"* (Kollez Vol XXXV pI p458)."

Illi mhux kontestat li permezz tal-kawza odjerna, l-atturi qed jitolbu l-qsim tal-assi ereditarju tal-mejjet Giuliano Caruana. L-intimata eccepiet li l-atturi Clinton, Clare u Maria Shirley, ahwa Caruana qed jitolbu qasma parzjali tal-wirt ta' ommhom Josephine Caruana, u b'hekk l-azzjoni odjerna hija improponibbli.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, din l-eccezzjoni mhix gustifikata ghaliex it-talba li qed issir hija ghad-divizjoni  ta' eredita' wahda, ta' Giuliano Caruana. Bintu Josephine kienet eredi fi kwota indaqs ma' hutha u, skont l-ahhar volonta' tad-decuius, uliedha jirtu flokha b'sostituzzjoni ghad-drittijiet taghha.

Dan hu sorrett kemm mill-premessi kif ukoll mit-talbiet maghmula li huma ppernjati fuq qasma abbazi ta' sitt partiti kull wiehed u wahda mill-ulied tat-testatur, fosthom is-sehem spettanti lil Josephine Caruana. Sitwazzjoni simili mhix eskluza mill-azzjoni odjerna u lanqas tbiddel is-sustanza tal-azzjoni.

Ghaldaqstant il-kawza hija valida u din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**It-Tielet (3) Eccezzjoni**

**Illi ukoll *in linea* preliminari l-azzjoni hija improponibbli peress illi jirrizulta mill-premessi illi l-attur Paul Caruana wiret biss dritt ta' uzufrutt minghand id-defunta martu Josephine Caruana u ghalhekk it-talba sabiex kwota ta' hames partijiet minn sitta jigu assenjati lill-atturi kollha ma tistax tirnexxi;**

Illi s-sustanza tal-azzjoni hija wkoll ir-riga li ghandha tintuza fl-apprezzament ta' din l-eccezzjoni. L-intimata ghandha raguni biex issostni li Paul Caruana mhuwiex werriet, u ghalhekk m'ghandux ikun attur f'din il-kawza. Jirrizulta li huwa biss uzufruttwarju tas-sehem spettanti lid-defunta martu u bhala tali, ma jistax jitqies bhala kondividend fil-qasma.

Indubbjament ghandu interess giuridiku f'din il-kawza *qua* uzufruttwarju u ghalhekk l-interess tieghu tibqa' f'din il-vesti.

Izda l-kwistjoni li ghandha quddiemha il-Qorti b'din l-eccezzjoni hija jekk dan iwassalx ghan-nullita' tal-azzjoni odjerna.

Illi fejn ikun hemm eccezzjonijiet ta’ nullita` bhal dawk li gew sollevati fil-kawza odjerna, wiehed ghandu jezamina jekk verament dawn l-eccezzjonijiet fis-sustanza taghhom iwasslux ghan-nullita` *o meno*. Fil-

fatt, l-emendi li saru fil-**Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili bl-Att XXIV tas-sena 1995** kienu intizi, *inter alia,* proprju sabiex jigu evitati dawn it-tip ta' eccezzjonijiet.

Illi apparti li llum jigu accettati diversi tipi ta' korrezzjonijiet fl-atti, huwa fatt ben risaput illi l-att promotorju preferibbilment ghandu jissalva u m'ghandux jitwaqqa' hlief ghal ragunijiet gravi. Hekk fis-sentenza minnha moghtija fit-30 ta' Marzu 2010 fl-ismijiet **"Michael Micallef vs Louis Mamo et"** dina l-Onorabbli Qorti qalet testwalment hekk:-

*"L-Artikolu 156(1) tal-Kap.12 jipprovdi li c-citazzjoni (illum ir-rikors mahluf) ghandu jkun fiha:*

*(a) tifsir car u sewwa ta' l-oggetti u r-raguni tat-talba; u*

*(b) it-talba u t-talbiet.*

*"Din id-disposizzjoni tal-ligi nghatat fil-gurisprudenza interpretazzjoni wiesgha fis-sens li ma gietx adottata l-istrettezza li donnhom ifissru l-kliem tal-ligi. Hekk fis-sentenza '**Moore noe vs Falzon et'** (Prim'Awla tal-Qorti Civili PA/AM, 15 ta' Dicembru 1995) kien deciz li – 'ghalhekk gie ritenut illi l-ligi ma tirrikjedix kliem partikolari ghal kif ghandha ssir ic-citazzjoni, bizzejjed jiftiehem xi jkun qieghed jitlob l-attur, b'mod li l-kawzali tista' tkun espressa lakonikament, u sahansitra tista' tkun anki dedotta mid-domanda (**Kollezz. XXXIV.II.502, XXIX.I.431 u XXXII.I.228**)".*Ara ukoll **Mario Mizzi noe et v Mario Grech noe et** (PA-PS - 3 ta' Ottubru 2003) fejn din il-gurisprudenza tinsab ukoll iccitata.

*“Hekk ukoll inghad fis-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell fil-kawza ‘**Bonnici vs Zammit noe’** deciza fl-20 ta’ Jannar 1986 fejn it-tifsira ta’ l-Artikolu 156(1) kienet spjegata hekk – ‘Illi l-Artikolu 156(1) jipprovdi li l-oggett u r-raguni tat-talba gudizzjarja ghandhom ikunu mfissra car u sewwa fic-citazzjoni. Dan ma jfissirx pero` li kwalunkwe nuqqas da parti ta’ l-attur ghandu mill-ewwel jigi mehud fis-sens li qed imur kontra d-dispost ta’ l-Artikolu 155 (1) (illum 156 (1) tal-Kap. 12) u ghalhekk igib mieghu n-nullita` tac-citazzjoni. Infatti biex citazzjoni tigi mwaqqfa jrid ikun hemm raguni gravi, u fost kollox, ghandu jigi ezaminat jekk ic-citazzjoni tkunx defungenti jew zbaljata b’mod li l-konvenut ikun jista’ jigi pregudikat fid-difiza tieghu. Dan apparti li c-citazzjoni ghandha tigi ezaminata fit-totalita` taghha u mhux spezzettata”.*

“*Il-prassi segwita mill-Qrati taghna, anke a bazi ta’ l-emendi introdotti bl-Att XXIV tal-1995, inkluz l-Artikolu 175 tal-Kap. 12 hija li ‘formalizmu ezagerat ilu hafna li gie mnaqqas u limitat u bir-ragun il-ligi qeghda tkun aktar inklinata li tkompli tillimita l-formalizmu u n-nullitajiet ta’ diversi forom li jnutruh’ (‘**Fino vs Fabri noe’** – Qorti tal-Appell – 28 ta’ Frar 1997) u konsegwentement ‘l-atti ghandhom jigu salvati anziche annullati jew dikjarati nulli’ (‘**Ellul vs Coleiro’** – Qorti tal-Appell – 24 ta’ Jannar 1994).*”

Illi l-ligi nostrana titkellem car meta citazzjoni ghandha tigi dikjarat nulla. **L-Artikolu 789 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili** jistipula illi:

*"(1) L-eccezzjoni ta' nullità ta' l-atti gudizzjarji tista' tinghata:*

*(a) jekk in-nullità hija iddikjarata mil-ligi espressament;*

*(b) jekk l-att jinhareg minn Qorti mhux kompetenti;*

*(c) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma mehtiega mil-ligi, ukoll jekk mhux taht piena ta' nullità, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun giebet, lill-parti li titlob in-nullità, pregudizzju illi ma jistax jissewwa xort' ohra hlief billi l-att jigi annullat;*

*(d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament mehtiega mil-ligi:*

*Izda dik l-eccezzjoni ta' nullità kif mahsuba fil-paragrafi (a), (c), u (d) ta' dan is-subartikolu ma tkunx tista' tinghata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistghu jissewwew taht kull dispozizzjoni ohra tal-ligi.*

*(2) L-eccezzjoni ta' nullità ta' att, taht il-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, ma tistax tinghata, meta l-parti li taghtiha tkun baqghat taghmel jew, ghad li tkun taf biha, tkun halliet li jibqghu jsiru atti ohra wara, minghajr ma teccepixxi dik in-nullità".*

Ikkonsidrat li jekk wiehed iqis it-talba kif maghmula, fl-isfond tal-fatti premessi, jirrizulta li dak li qed jitolbu l-atturi ma jhalli l-ebda dubju dwar x'inhi l-pretensjoni taghhom cioe`, il-qsim tal-assi ta' missierhom skont il-kwoti imhollija lil uliedu. Ghalhekk l-intimata mhix qed issofri l-ebda pregiudizzju fid-difiza taghha. Anzi din id-difiza tibqa' impregiudikata ghaliex xorta tkun tista' issostni li Paul Caruana m'ghandux sehem fil-wirt

f'kaz li din l-eccezzjoni ma tigix milqugha.

Ir-rigorozita' formali, kif jirrizulta mill-gurisprudenza ccitata, giet temperata tul is-snin sabiex "*issir gustizzja sostanzjali fil-mertu tal-kaz"* *(***Michael Attard nomine vs Raymond** Galea - Q.A.,deciza fit-12 ta' Mejju, 1998) u *"kif gie ritenut minn dawn il-Qrati, ir-rigorozita' procedurali, u il-formalizmu esagerat rarament huma ambaxxaturi tal-gustizzja sostanzjali u ghalhekk ma ghandhomx normalment janimaw l-andament tal-kawza"* (**Aquilina vs Cassar** – Vol. LXXVI.iv.666). (Ara wkoll **James Demanuele v Elena Maria Felice** (PA - RCP - dec.30 ta' April 2002 u l-gurisprudenza hemm traccjata).

Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi, it-tielet eccezzjoni qed tigi michuda.

**Ir-Raba' (4) Eccezzjoni.**

B'din l-eccezjoni, l-intimata tghid li "**ukoll it-talba numru tnejn (2) kif postulata ossija illi *'billi tiddividi l-istess f'zewg porzjonijiet wahda fi kwota ta' sehem wiehed minn sitta assenjabbli lill-konvenuta u l-ohra fi kwota ta' hamsa minn sitta assenjabbli lill-atturi'* hija legalment insostenibbli, *stante* illi artikolu 510 tal-Kap 16 jistipula illi l-ishma ghandhom jittellghu bix-xorti. Konsegwentement tali talba trendi impossibbli t-tlugh bix-xorti."**

Ikkonsidrat li fir-rigward ta' diviżjoni ta' wirt japplikaw ir-regoli stabbiliti fl-artikoli 906 sa 912, kif ukoll is-Sub-Titoli II u III tat-Titolu V tal-Ewwel Parti tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16), flimkien ma' l-artikolu 908 sa 912 ta' l-istess kodiċi.

Dwar il-kwistjoni jekk il-porzjonijiet rispettivi tal-kondividenti, għandhomx jiġu stabbiliti billi tittella' x-xorti jew inkella b'assenjazzjoni, l**-artikolu 510** jistabbilixxi:

*"(1) L-isħma jiġu mtellgħin bix-xorti.*

*"(2) Iżda, kemm-il darba l-ishma tal-partijiet li jkunu qegħdin jaqsmu ma jkunux indaqs, il-qorti tiddeċiedi jekk l-ishma għandhomx jiġu mtellgħin bix-xorti, jew jekk il-qsim għandux isir b'assenjazzjoni għal kollox jew f'parti*."

Jirrizulta minn qari ta' dan l-artiklu li r-regola hija wahda tassattiva u inderogabli[6]. Għalkemm hemm fehmiet li jgħidu li tali regola m'hijiex inflessibbli[7], jidher li l-leġislatur irid li sakemm ma jkunx hemm il-qbil tal-komproprjetarji kollha u l-ishma jkunu ndaqs, m'għandhiex issir il-qasma bl-assenjazzjoni[8].

L-atturi qed jitolbu li l-assi jigu divizi mhux bis-sortegg imma bl-assenjazzjoni ta' hames kwoti minn sitta lill-atturi u parti wahda minn sitta lill-intimata. Din it-talba, kif hekk maghmula, hija wkoll trattata fil-hames eccezzjoni tal-intimata. Inoltre, bit-tielet talba, l-atturi qed jitolbu li ssir id-divizjoni "*skont il-pjan ta' qasma fuq stabbilita."*

---

[6] P.A. PS 27.6.2003 fil-kawża fl-ismijiet Stella Scicluna vs Carmel Grech pro et noe et

[7] Fadda Commentario sulle Leggi Civili, art. 993-6 u ara P.A. MCH 31.5.2012 fil-kawża fl-ismijiet

Seamus Borġ vs Thomas Borġ

[8] Ara, P.A. 30.7.1964 fil-kawża fl-ismijiet Scicluna et vs Calleja et (Kollez. Vol: XLVIII.ii.1083)

Izda mill-premessi jirrizulta li l-atturi qed jghidu li ma hemmx bizzejjed proprjeta' immobiljari sabiex l-eredita' tinqasam ugwalment bejn sitt partijiet u fil-fehma ta' din il-Qorti, it-tieni (u t-tielet talba li hija konsegwenzjali) ghandhom jinqraw fl-isfond ta' din il-premessa.

Ikkonsidrat li  l-qasma ta' wirt bix-xorti jew bl-assenjazzjoni

tkun tista' ssir biss jekk kemm-il darba l-ishma jkunu jistgħu jitfasslu u jintgħamlu b'mod li jirrispettaw l-ishma ta' dawk imsejħa biex jaqsmu. Jekk dan ma jistax isir bla xkiel u ħsara għal tali jeddijiet, l-għażla li jifdal hi li l-wirt jinbiegħ b'liċitazzjoni u l-ishma jitħallsu mir-rikavat.

Huwa minnu li talba ghal bejgh in licitazzjoni ma saritx f'din il-kawza izda hu principju assodat li billi l-bazi ta' l-azzjoni hija l-ewwel u qabel kollox, prevja il-likwidazzjoni ta' l-assi ereditarji u mbaghad ghad-divizjoni, din f'termini legali timporta dejjem il-licitazzjoni jekk l-oggett biex jigi diviz mhuwiex komodament divizibbli.(Ara **Doris Galea et v Michael Tonna et. -** A.C.9 ta' Ottubru 2001).

Ghalhekk fid-dawl tal-premess, il-Qorti hi tal-fehma li din l-eccezzjoni ghandha tigi milqugha in kwantu pernjata fuq il-premessa ddikjarata fir-rikors promotur li l-eredita' ma tistax tinqasam ugwalment kif ukoll fuq talba ghad-divizjoni fil-kwoti mitluba.

**Il-Hames (5) Eccezzjoni**

Din tikkonsisti fis-segwenti:

**Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghal dak li fuq inghad l-azzjoni ma tistax tirnexxi *stante* li qed tintalab qasma parzjali ossija qasma fi kwoti ta' wiehed minn sitta u hamsa minn sitta u l-esponenti ma taqbilx ma' dan.**

Illi kif gja gie trattat, l-azzjoni odjerna tikkontempla d-divizjoni ta' eredita'. L-azzjoni proposta ma tikkontemplax qasma kif mitluba fl-assenza tal-kunsens tal-eredi kollha ghaliex tmur kontra l-principju fuq enuncjat li kull wieħed mill-komproprjetarji għandu jedd jieħu s-sehem tiegħu ta' ġid in natura[9]. Difatti huwa car li jekk din il-Qorti kellha tilqa' din it-talba kif hekk maghmula, tkun qed teskludi lill-intimata mill-jedd li tippartecipa fil-qasma tal-eredita` fl-interezza taghha.

Ghalhekk din l-eccezzjoni hija milqugha.

Madanakollu kif gja kkonsidrat fl-isfond tar-raba' eccezzjoni sollevata, il-legislatur ried li f'kaz li ma tistax issir divizjoni bejn l-eredi skont l-ishma rispettivi taghhom, allura jibqa' r-rimedju ta' licitazzjoni li tista' dejjem tigi ordnata mill-Qorti.

Billi it-tielet, ir-raba u l-hames talbiet huma konsegwenzjali ghall-pjan ta' qasma proposta per assenjazzjoni fil-kwota ta' 5/6 - 1/6, din il-Qorti ser tghaddi biex tichad dawn it-talbiet ukoll.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

[9] Art.502 tal-Kap.16

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tichad it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-intimata, **tilqa' ir-**raba u **il-hames eccezzjonijiet, Tichad it-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-hames talbiet kif dedotti** u tordna l-prosegwiment tal-kawza fuq l-ewwel talba bhala pass preordinat ghall-eventwali licitazzjoni tal-beni appartenenti lill-eredita' in kwistjoni.

L-ispejjez ta' din is-sentenza jithallsu mas-sentenza finali.

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------